

M&T lingwistiċi

M: Kliem bħal *trażmissjoni* u *trażlitterazzjoni* kif se niktbuh? Bis-s jew biż-ż? U *traskrizzjoni*?

T: Kliem bħal *trażmissjoni* u *trażlitterazzjoni* għandna niktbuh biż-ż, filwaqt li kliem bħal *traskrizzjoni* għandna niktbuh bis-s.

Trażmissjoni u *trażlitterazzjoni* jappartjenu għal ġabra ta' kliem li għandu jinkiteb biż-ż:



leġislazzjoni
ġurisdizzjoni
transnazzjonali
trasbord
traslokazzjoni
traslitterazzjoni
trasmisjoni
transizzjoni
transazzjoni
transitu
transitorju
transizzjonali
asil



leġiżlazzjoni
ġuriżdizzjoni
tranżnazzjonali
trażbord
trażlokazzjoni
trażlitterazzjoni
trażmissjoni
tranżizzjoni
tranżazzjoni
tranżitu
tranżitorju
tranżizzjonali
ażil

Il-varjanti tal-kaxxa l-ħadra, nistgħu naqsmuhom hekk:

1

leġiżlazzjoni
ġuriżdizzjoni
tranżnazzjonali
trażbord
trażlokazzjoni
trażlitterazzjoni
trażmissjoni

2

tranżizzjoni
tranżazzjoni
tranżitu
tranżitorju
tranżizzjonali
ażil

Id-differenza bejn l-ewwel ġabra ta' kliem u t-tieni ġabra hija s-sekwenza konsonantali/vokalika. Fl-ewwel ġabra, wara l-konsonanti **ż** hemm dejjem konsonanti oħra filwaqt li fit-tieni ġabra, wara l-konsonanti **ż** hemm dejjem vokali.

Għall-ewwel ġabra applikajna fuq kolli ir-regola ta' assimilazzjoni (*regressive voicing assimilation*) imsemmija fil-ktieb Nikteb il-Malti Tajjeb ta' Karl Scicluna (1.4 Is-s u ż-ż li kliem mit-Taljan u mill-Ingliż, p. 23). Din ir-regola tgħid li jekk wara l-ħoss **s/ż** ikollna konsonanti mleħħna (qawwija), quddiemha rridu nużaw ukoll konsonanti mleħħna, jiġifieri **ż-ż**. Jekk mill-banda l-oħra wara l-ħoss **s/ż** ikollna konsonanti mniffsa (ratba), quddiemha rridu nużaw il-konsonanti mniffsa **s**.

Fl-ewwel ġabra ta' kliem, wara l-ħoss **s/ż** insibu dawn il-konsonanti: **l, d, n, b** u **m**. Dawn il-ħames konsonanti huma kollha mleħħnin (voiced), għaldaqstant għall-ħoss **s/ż** ta' qabilhom irridu nagħżlu l-ittra **ż** li hija wkoll imleħħna. Hawnhekk isseħħ assimilazzjoni, fejn il-konsonanti ta' wara tinfluwenza lil ta' quddiemha biex imbagħad jinstema' b'mod predominanti l-ħoss ta' **ż**.

Jekk mill-banda l-oħra nieħdu l-kelma *traskrizzjoni* (li mhix fil-lista u li ma ġietx diskussa fuq livell interistituzzjonali) wara l-ħoss **s** għandna l-konsonanti mniffsa (unvoiced) **k**. Għax **k** hija mniffsa, quddiemha teħtieġ is-**s** li hija mniffsa u mhux iż-**ż** li hija mleħħna. Hawnhekk ukoll qed isseħħ assimilazzjoni, fejn il-konsonanti ta' wara tinfluwenza lil ta' quddiemha biex jinstema' b'mod predominanti l-ħoss ta' **s**. Hija wkoll għal din ir-raġuni li fil-kelma *trasport* nisimgħu l-ħoss ta' **s**. Il-konsonanti **p** hija mniffsa u din twassal biex bla dubju nisimgħu l-ħoss ta' **s** (ukoll imniffsa) qabilha. Mill-banda l-oħra, għax fil-kelma *trażbord* il-**b** hija mleħħna, nisimgħu l-ħoss ta' **ż**.

Aktar informazzjoni dwar liema huma l-konsonanti mniffsin u mleħħnin tinstab f'paġna 24 ta' Inħaddem il-Malti Tajjeb (1.5 It-tliissin – konsonanti mniffsin u mleħħnin) ta' Karl Scicluna.

Għat-tieni ġabra ta' kliem, fejn wara l-konsonanti **ż** hemm vokali, ibbażajna ruħna prinċipalment fuq il-prinċipju fonetiku, jiġifieri fuq ir-regola taż-Żieda mat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija (1924) li tgħid li "*kliem li fl-ilsien oriġinali jinkiteb bil-konsonanti "s" (ħafna drabi mlissna bil-ħoss ta' "ż") fil-Malti jista' jieħu l-ħoss ta' "s" jew ta' "ż". Kliem bħal dan għandu jsegwi l-fonetika, u mhux kif jinkiteb fl-oriġinal*". Dwar dan il-kriterju fonetiku jkompli jelabora l-Prof. Mifsud fuq is-sit

<http://www.kunsilltalmalti.gov.mt/mistogsijiet?id=13>. Għaldaqstant, jekk għall-kliem tat-tieni ġabra napplikaw il-prinċipju fonetiku, għandna niktubuh bil-konsonanti **ż**.

Effettivament, il-kelmiet *tranżizzjoni*, *tranżitorju* u *ażil* jintużaw fis-sit tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u jokkorru bil-konsonanti **ż**.